MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1860/1999/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom C.P. Trading Co. Ltd. abbazi tal-ligi u tal-Polza ta' Assigurazzjoni.**

**vs.**

**Gollcher Company Limited bhala mandatorji specjali/agenti tas-socjeta' L.C.L. Express Services S.L. u bhala operaturi tat-Terminal f'Hal-Far Groupage.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 18 ta' Awissu 1999 pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-assigurat tas-socjeta’ attrici kien ghamel uzu mis-servizzi illi toffri s-socjeta’ konvenuta *nomine*, u dan billi l-istess socjeta’ konvenuta *nomine* nghatat l-inkarigu sabiex tittrasporta *container* mill-Port ta’ Barcelona fi Spanja ghall-Malta.

Illi meta l-imsemmi *container*, numru ICSU1430170, tghabba fuq il-vapur ‘CGM Pascal’ fi Spanja huwa kien jikkontjeni mija u hamsa u sittin (165) il-pakkett jew “*carton*” ta’ lewz differenti, kif jidher *mill-bill of lading* datat 3 ta’ Ottubru 1998, hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”.

Illi meta infetah l-imsemmi *container* u cjoe’ mal-wasla tieghu f’Malta, instab illi kien fih biss mija u tletin (130) pakkett jew *“carton”* mill-mija u hamsa u sittin (165) illi kienu telqu minn Spanja, u dan kif jidher mir-*“Release Order”* mahrug mid-Dipartiment tad-Dwana hawn immarkata bhala Dok “B”.

Illi s-socjeta` attrici rimborsat lill-assigurat taghha ghad-danni li huwa sofra u dan *ai termini* tal-polza ta’ assigurazzjoni numru 30/10088/033, liema danni kienu jammontaw ghas-somma ta’ tlett elef erba’ mija u hamsa u tmenin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu [Lm3,485.72], skond l-*“Adjustment of claim form”*, hawn anness u mmarkat bhala Dok. “C”.

Illi *in vista* tas-suespost is-socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha skond is-*“Subrogation Form”* datat 12 ta’ Jannar 1999 hawn anness u mmarkat bhala Dok. “D” u skond il-ligi.

Illi s-socjeta’ konvenuta *proprio et nomine* naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex tissalvagwardja l-merkanzija propjeta’ ta’ l-assigurat tas-socjeta’ attrici, waqt illi l-istess kien taht il-kura u kustodja taghha.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta *pro et nomine* jew min minnhom hija responsabbli ghad-danni illi soffriet is-socjeta` attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm3,485.72 jew somma verjuri;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta *pro et nomine* jew min minnhom sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata. – Kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax mid-data tal-hlas u bl-ispejjes inkluzi Lm20 tal-konsult kontra s-socjeta` konvenuta *pro et nomine.*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti mehmuza a fol. 5 sa 9 tal-process.

Rat il-polza ta' karigu esebita bhala Dok. "A" a fol. 6 tal-process; *"release order"* – Dok. "B" a fol. 7 tal-process fuq *container* Numru ICSU1430170 li kien fih 165 *"colli"* u fuq it-tergo tieghu hemm li kienu *"released 130 ctns – 19/10/1998"* ( Frank Buckwell); *"Assessment of Claim"* – Dok. "C" – l-ammont ta' Lm3,85.72 –fol. 8; u *subrogation form* datata 7 ta' Ottubru 1998 – Dok. "D" – fol.9. u ffirmata fit-12 ta' Jannar 1999 minn Patrick Gauci li ddikjara li rcieva pagament ta' Lm3,485.72 minghand is-socjeta' attrici.

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1999 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datata 22 ta' Frar 2000 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi fl-ewwel lok, “Gollcher Company Limited” ma ghadhiex l-agent tas-socjeta’ estera LCL Express Services S.L. u kwindi l-atturi ghandhom jirregolaw ruhhom fuq dan l-aspett.

(2) Illi subordinatament fil-mertu u in kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront ta’ Gollcher Company Limited *de proprio* bhala l-operaturi tal-*bond* taghhom, l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat lamentati u fi kwalunkwe kaz kull responsabbilta’ li tista’ tigi kostatata fil-konfront taghhom hija limitata *ai termini* tal-polza ta’ kariku u tal-ligi applikabbli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-9 ta’ Marzu 2000 a fol. 16 tal-process fejn deher Dr. Stefan Camilleri li assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta’ attrici u talab differiment biex jirregola ruhu fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni fuq il-mertu, u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-27 ta’ April 2000; tas-27 ta’ April 2000; tal-14 ta’ Gunju 2000; tas-6 ta’ Novembru 2000; tal-24 ta’ April 2001; u tas-26 ta’ Settembru 2001 fejn dehru l-avukati rispettivi tal-partijiet u rapprezentant tal-konvenut. Xehed **Michael Chetcuti** (fol 22 sa 24) u l-kontro-ezami tax-xhud sar minn Dr. Stefan Camilleri. L-ewwel eccezjoni giet trattata u l-kawza giet differita ghall-25 ta’ Jannar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghal quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghas-6 ta’ Frar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tas-6 ta’ Frar 2002 a fol. 31 tal-process fejn dehru Dr. Joseph Schembri u Dr. Stefan Camilleri ghas-

socjeta’ attrici li nformaw lill-Qorti li din il-kawza kienet sentenza preliminarja. Il-Qorti ddikjarat li ghalkemm din il-kawza tidher li giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta, il-process ma tqieghedx ghad-dispozizzjoni taghha u ghalhekk hija sprovista mill-process. Il-kawza giet differita ghall-10 ta’ April 2002; tal-10 ta’ April 2002 fejn deher Dr Joseph Schembri u l-kawza giet differita ghat-30 ta’ Mejju 2002 ghas-sentenza preliminari fuq l-ewwel punt imqajjem.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tat-30 ta’ Mejju 2002 a fol 39 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet deciza *in parte*. Il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fejn iddikjarat li s-socjeta’ konvenuta Gollcher Company Limited “bhala mandatarja specjali/agenti” m’ghandhiex *locus standi* fil-kawza izda halliet mpregudikata l-kwistjoni dwar l-ispejjez f’dan l-istadju. Il-kawza giet differita ghas-19 ta’ Novembru 2002 sabiex is-socjeta’ attrici tirrregola ruhha u/jew ghall-provi tas-socjeta’ attrici.

Rat il-verbali tas-seduti tas-19 ta’ Novembru 2002 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol 40 tal-process fejn il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Frar 2003 ghall-provi tas-socjeta’ attrici; u tal-4 ta’ Frar 2003 fejn deher Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta’ attrici u Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta’ konvenuta. Deher Alan Dimech rapprezentant tas-socjeta’ attrici. Rat ix-xhieda ta’ **Alan Dimech** li kien jahdem ghas-socjeta’ England Insurance bhala agenti tas-socjeta’ attrici (fol 44 sa 47) li esebixxa l-*Marine Cargo Insurance Policy* – Dok. “AD 1” – fol. 47; **Frank Buckwell** fizzjal tad-Dwana (fol 48 sa 52) u **Peter Fleri Soler** (fol 53 sa 66) ilkoll prodotti mis-socjeta’ attrici. Patrick Gauci debitament ingunt imsejjah tliet darbiet ma deherx u l-Qorti sabitu hati ta’ disprezz u mmultatu Lm30 multa. Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ April 2003.
Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-29 ta’ April 2003 (fol 69) fejn dehru d-

difensuri tal-partijiet u xehed **Carmel Gauci** prodott mis-socjeta' attrici. Il-kawza giet differita ghal-provi kollha ghas-17 ta' Gunju 2003; tas-17 ta' Gunju 2003 fejn deher Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta' attrici u Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' konvenuta. Dr Camilleri talab zmien biex jirregola ruhu fid-dawl tas-sentenza preliminari minn din il-Qorti u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Ottubru 2003 ghal dan l-iskop; u tat-8 ta' Ottubru 2003 fejn deher Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta' attrici li qara u pprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tas-socjeta' konvenuta *qua* agent tas-socjeta' konvenuta. Il-kawza giet differita ghal-provi attrici u prezentata ta' l-affidavits ghas-16 ta' Jannar 2004 ; tas-16 ta' Jannar 2004 (fol 79) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Frank Buckwell** u l-kawza giet differita ghat-3 ta' Marzu 2004 ghall-provi attrici; tat-3 ta' Marzu 2004 fejn deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud Colin Micallef issejjah u baqa' ma deherx, izda kien hemm fil-konfront tieghu riferta negattiva. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2004 ghall-provi attrici; tat-30 ta' April 2004 fejn dehru Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' konvenuta u Dr Stefan Camilleri ghas-socjeta' attrici li ddikjara li s-socjeta attrici ezawriet il-provi taghha u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju 2004; tat-8 ta' Gunju 2004; tad-19 ta' Ottubru 2004; tal-14 ta' Dicembru 2004; tas-16 ta' Frar 2005; u tat-12 ta' April 2005 fejn deher Dr. Lennart Depasquale ghas-socjeta' attrici u Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' konvenuta. Xehed **Colin Micallef** prodott mis-socjeta' konvenuta. Dr Cassar Pullicino iddikjara li s-socjeta` konvenuta ghalqet il-provi u l-kawza giet differita ghall-25 ta' Mejju 2005 ghall-kontro-ezami, jekk ikun il-kaz, ta' Colin Micallef; tal-25 ta' Mejju 2005; tat-18 ta'-Ottubru 2005; u tas-6 ta' Dicembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta datat 12 ta' Jannar 2006 a fol 109 tal-process fejn dehru Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti u Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta` attrici u Dr. Louis Cassar Pullicino li qablu li kull ma' baqa' isir hu l-kontro-ezami ta' l-affidavit ta' Colin Micallef. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-4 ta' April 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2006 (fol 112) mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn deher Dr. Stefan Camilleri ghas-socjeta` attrici. Dr Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' konvenuta ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Xehed in kontro-ezami **Colin Micallef** u Dr. Stefan Camilleri iddikjara l-provi tieghu maghluqa u talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lis-socjeta` attrici biex jipprezentaw n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li kellhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu mid-data tan-notifika ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tas-socjeta` konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet rispettivi, inkluz ix-xhieda kollha prodotta u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 21 t'April 2006.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta datata 6 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici bhala socjeta' assiguratrici u kif surrugata fid-drittijiet tas-socjeta' minnha assigurata C.P. Trading Company Limited qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi ddikjarata bhala responsabbli ghan-nuqqasijiet li nstabu fil-merkanzija tal-assigurat taghha li kienet moghobbija fi *groupage container* Numru ICSU 1430170 u liema merkanzija kienet tikkonsisti fi 165 pakett u/jew xkora kif jirrizulta fil-verita' fil-polza ta' karigu relattiva.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt il-konsennatarju ha biss l-ammont ta’ 130 pakkett jew xkora b’dan ghalhekk li kien hemm nuqqas ta’ 35 pakkett.

Illi il-fatt dwar dan xehed il-fizzjal tad-Dwana Frank Buckwell li sostna gew irrilaxxati 130 kartuna minn 165 u dan fid-data tad-19 ta’ Ottubru 1998 kif jirrizulta mill-firma ta’ ufficjal tad-dwana fuq il-formula tar-rilaxx mid-Dwana a tergo ta’ fol. 7 tal-process f’Dok. “B” – wkoll a fol. 52 tal-process. Huwa xehed li  l-merkanzija giet rilaxxata meta kienet fil-Bonded Stores tas-socjeta’ konvenuta izda ma kienx prezenti meta infetah l-istess *container* li kien *groupage container.*

Illi mix-xhieda ta’ Peter Fleri Soler jirrizulta li l-*container* in kwistjoni ttella’ Hal Far u infetah fil-presenza tal-Bond Operator tas-socjeta’ konvenuta Colin Micallef – ma jidhirx li s-sigill ta’ l-istess *container* gie miksur quddiem il-presenza ta’ fizzjal tad-Dwana, u jinghad li meta l-istess merkanzija kienet qed tinhatt instab li l-imsemmija merkanzija kienet bil-hsara kif indikata f’dik li tissejjah bhala Form 1 C u wara sar ukoll dak li jissejjah *“out turn report”* li fuqu l-*bond operator* indika li kien hemm *“sacks spilling contents”.*

Illi fil-fatt l-istess xhud jghid li meta huwa kien kiteb hekk dan kif ifisser li:-

*“is-sacks kienu miftuhin u neqsin u kien hemm thirty five (35) bags short upon racking. Jigifieri meta dahhalhom fil-Bond, meta kien qed jghodd il-kaxxi biex jaghmel it-tally mad-dokument li kellu, innota li hemm thirty five bags short upon racking”* – fol. 56”. Fil-fatt gie esebit dak li jissejjah l-*FORM NO. 1c* bhala Dok. “PFS 1” a fol. 59 minn fejn hemm indikat li fejn hemm 165 *packages* –ALMONDS -  tas-socjeta’ C.P. Trading Co. Ltd. hemm rimarka *“rec’d damaged”* u fil-fatt hemm ukoll ittimbrat fuq l-istess rapport b’ittri kbar *“CONSIGNMENT TO BE EXAMINED”.* Dan huwa datat 13 ta’ Ottubru 1998. Fir-*revised out-turn report* datat 13 ta’ Ottubru 1998 esebit bhala Dok. “PFS 2” a fol. 61 tal-process fejn il-*bill of lading* 1650 hemm is-segwenti

kliem *"sacks spilling contents and received loose packages (35 bags short after racking)".*

Illi Colin Micallef il-*bond operator* ta' dak iz-zmien mas-socjeta' konvenuta irrefera ghad-dokumenti indikati bhala "CM 1" u Dok. "CM 2" a fol. 100 u 102 tal-process, li fil-fatt l-ahhar wiehed huwa l-istess dokument pprezentat bhala Dok. "PFS 2" a fol. 61 tal-process. Qal li d-dwana ticcekkja li s-sigill tal-*contanier* kien intatt u li dan kien konformi mal-Form C u wara jinfetah il-*container.* Sostna li l-merkanzija kienet minghajr *pallets* meta giet stivata sabiex tidhol iktar merkanzija fil-*container* u dan sar meta l-istess taghbba minn Spanja, u b'konsegwenza ta' dan xpakkaw l-ixkejjer u b'hekk tferxet il-merkanzija, u fil-kaz in partikolari kien hemm dak li x-xhud sejjah bhala *"spilling of contents"* kif hemm fuq kollox indikat fid-dokumenti esebiti; peress li f'dak il-hin huwa ma kellux f'idejh id-dokument dwar il-kwantijiet tal-merkanzija u dan gie ghandu meta r-ricevuturi tax-xoghol gew ghall-konsenja ta' l-istess xoghol, u anke peress li x-xoghol kien bla marki, huwa setgha jikkonstata kemm kien hemm nuqqas u ghalhekk ghall-*item* deskritta bin-numru 1650 kien hemm 35 xkora nieqsa u konsegwenza ta' dan intbaghtet *fax* datata 15 ta' Ottubru 1998 lis-socjeta' speditrici LCL Express Services S.L. Barcellona bhala Dok. "CM 3" a fol, 103 tal-process fejn jinghad li:-

*"We attach herewith a revised out turn report, re above, wherein you will notice that further investigations reveal that a qauntity of bags were received short ex Bills of Lading Nos. 1649 and 1650".*

*"In this respect please be advised that as can be seen from the attached photograph, these bags are received inside the container in a loose condition, several of which are also damaged".*

Illi l-istess xhud minkejja li ghadda dan iz-zmien kollu baqa' jsostni t-tezi tieghu anke fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti fl-4 ta' April 2006 fejn spjega li dik li tissejjah bhala il-Form 1C issir gurnata qabel ma' jinfetah il-*container* – Dok. "PFS 1" – u li l-istess formola kienet

iffirmata minnu u fiha kien indika li kien ircieva l-merkanzija mertu tal-kawza odjerna bil-hsara u dan fit-13 ta' Ottubru 1998 u dan sar jaf biha u s'intendi ra meta infetah il-*container.* Fuq domandi ta' l-avukat tas-socjeta' attrici huwa spejga ukoll li huwa ma setax jindika x'kien hemm nuqqas dak il-hin pero' setgha jispecifika kif fil-fatt ghamel li kien hemm *"sacks spilling contents";* jghid li sussegwentement ghamel rapport iehor fejn hemm miktub li *"sacks spilling contents and received loose packages (35 bags short upon racking)"* (Dok. "CM 2" – fol. 102) u dan datat 15 ta' Ottubru 1998 u mistoqsi ghaliex kien biss f'dan ir-rapport li semma' li kien hemm nuqqasijiet, u qal li l-ixkejjer jew boroz u l-merkanzija ma kenitx immarkata u kien biss meta gie l-importatur li dan setgha jigi kkonstatat ma' l-*invoice* u meta jigi migbur ukoll dak li kien inxterred u fil-fatt dan kien kollu indikat meta l-importatur gie biex jiehu l-merkanzija dak il-hin. Fil-fatt a fol. 62 tal-process hemm ritratt mad-dokument "PFS 2" li juri l-istat tal-merkanzija li nstabet mis-socjeta' konvenuta meta infetah l-istess *container*, u wkoll li fid-19 ta' Ottubru 1998 – data tar-rilaxx ta' l-istess merkanzija mill-ufficjal tad-Dwana – kif jidher *a tergo* ta' fol. 7 – f'Dok. "B" hemm li kawza ta' l-istess giet rilaxxata biss 130 kartuna, *item*, borza jew pakkett u din iffirmata mill-ufficjali tad-Dwana u dan anke skond dak li jirrizulta mix-xhieda ta' l-imsemmi Frank Buckwell, inkluza dik moghtija fis-16 ta' Jannar 2004, tant li dan sostna, li l-ezami tax-xoghol li jkun hiereg isir mill-fizzjal tad-dwana.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited u din bhala operatur tat-Terminal f'Hal Far ma gietx ippruvata u dan ghaliex il-provi juru li meta l-istess merkanzija ta' l-importatur inkwistjoni waslet fi *groupage container* ghand is-socjeta' konvenuta u infetah il-*container*, din l-istess merkanzija gja kienet bil-hsara u dwar dan hemm ix-xhieda ta' Peter Paul Fleri u ta' Colin Micallef, u dan jinsab ikkorroborat ukoll mid-dokumenti kollha esebiti u li saret ampja riferenza ghalihom f'din id-decizjoni, u dawn jinkludu l-Form 1 C, l-*out-turn report* datat 14 ta' Ottubru 1998 u r-*revised out-turn report* datat 15 ta' Ottubru 1998 u dan apparti ir-rilaxx mill-fizzjal tad-

dwana datat 19 ta' Ottubru 1998. Certament f'dawn ic-cirkostanzi kollha u provi prodotti ma jistax jinghad li l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, u din biss fil-veste taghha ta' operatur ta' l-istess *terminal* u bond f'Hal Far, giet b'xi mod ipprvata anzi l-provi kollha juru li l-istess merkanzija giet ricevuta mis-socjeta' konvenuta fil-kwalita' taghha hawn indikata bil-hsara u wara verifiki bin-nieqes.

Illi anzi jinghad li x-xhieda ta' Charles Gauci, ghan-nom tas-socjeta' importatrici, tkompli tikkonferma t-tezi tas-socjeta' konvenuta li jghid li fil-presenza tal-fizzjal tad-Dwana gie ezaminat ix-xoghol u li kien hemm xoghol nieqes mill-konsenja tieghu. Fil-fatt jinghad li kien l-oneru ta' prova tas-socjeta' attrici li tipprova li tali nuqqas kien dovut lejn l-agir jew in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta, oneru li din il-Qorti thoss li s-socjeta' attrici fl-ebda mod ma ppruvat jew issodisfatt. Fil-fatt din il-Qorti thoss li kif inghad il-provi huma anke oltre minn hekk u jipprovaw it-tezi tas-socjeta' konvenuta li hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghan-nuqqas allegat.

Illi ovvjament huwa biss f'dawn il-parametri li din il-kawza tista' llum diga deciza u dan peress li b'sentenza tat-30 ta' Mejju 2002 l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet milqugha u fil-fatt gie ddikjarat li l-azzjoni attrici ma setghetx tkompli kontra l-istess socjeta' Gollcher Company Limited "bhala mandatarja specjali/agenti" tas-socjeta' L.C.L Express Services S. L, u dan ghaliex l-istess socjeta' konvenuta ma kenitx ghadha agent ta' l-istess; fil-fatt s-socjeta' attrici konsegwenti ghall-istess sentenza pprezentat nota datata 8 ta' Ottubru 2003 a fol. 76 tal-process fejn abbazi ta' liema cediet l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tas-socjeta' *"Gollcher Company Limited fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta' estera LCL Express Services S.L.".* B'hekk inghatat is-sentenza biss fit-termini fuq indikati u fil-veste rimanenti tas-socjeta' konvenuta kif fuq spjegat.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta qed jigu michuda.

## **Ill. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta’ u tiddiciedi,** billi fil-waqt tilqa’ it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta in kwantu l-istess hija kompatibbli ma’ dak hawn premess, **tichad it-talbiet attrici *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt** ghar-ragunijiet indikati u decizi f’din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza nkluzi dawk tad-decizjoni tat-30 ta’ Marzu 2002 kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------